MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1083/2003

**Roc A Go Crane Services Limited**
**vs**

**Topserv Limited**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-30 ta' Mejju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sitta u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm256.50), bhala hlas ta' kera ta' diversi ingenji mikrija mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta;**
**Bl-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittra interpellatorja tal-5 ta' Mejju, 2003, u bl-imghax legali mis-17 ta' Frar, 2003, data ta' l-ahhar invoice sal-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta ngunta in subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Anthony Cutajar ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu**

**ma thallasx. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra' l-Art.13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u sitta u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm256.50) bl-imghax legali mis-17 ta' Frar, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-5 ta' Mejju, 2003, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------